MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2014

Numru. 1156/2011

**Il-Pulizija
Spettur Jesmond Micallef**

**vs**

**Alfred Galea**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Alfred Galea ta' 41 sena, iben Louis u Pia xebba Pace, mwieled Pieta' nhar l-20 ta' Jannar 1970, residenti gewwa l-fond numru 57, Triq it-23 t'April, Qormi w detentur tal-karta tal-identita' numru 070270(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Nhar it-3 t'Awwissu 2008, ghall-habta tas-siegha ta' wara nofs inhar, f'dawn il-Gzejjer u cioe' gewwa Triq San Karlu,

Sliema, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor u cioe' ta' George Farrugia f'periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' l-istess George Farrugia, anzjan ta' tmienja w sittin sena, w dan skond kif iccertifikat minn Dr. Velitchka Agius mill-Isptar Mater Dei;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 3 ta' Ottubru 2011 (esebit a fol. 7 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-28 ta' Marzu 2012 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza ;

Ikkunsidrat :

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw argument u glieda li nqalghu fit-3 ta' Awwissu 2008 ghall-habta tas-1.00pm fi Triq San Karlu, Tas-Sliema bejn l-imputat u George Farrugia, ragel anzjan ta' 68, fejn iz-zewg partijiet sofrew griehi bhala konsegwenza tal-glieda, George Farrugia sofra griehi ta' natura gravi konsistenti fi ksur f'subghajh iz-zghir[1] tal-id tax-xellug, brix fuq il-minkeb u tbengila fuq ix-xoffa filwaqt li l-imputat kellu qatgha taht ghajnejh u xi brix superficjali f'wiccu. L-argument inqala' minhabba parking. Iz-zewg partijiet involuti taw verzjoni pjuttost konfliggenti dwar kif graw l-affarijiet.
George Farrugia li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-18 ta' Mejju 2012 qal li fid-data in dizamina huwa kien ghadu kemm wasal bil-vettura tieghu fil-garaxx

[1] Vide certifikat mediku nserit a fol. 22 tal-atti processwali u x-xhieda ta Dr. V. Agius it-tabib li rrilaxxjat dan ic-certifikat nserit a fol. 55 sa 57.

li ghandu fi Triq San Karlu meta ghaddiet karozza minn quddiem il-garaxx b'certu velocita' u mbaghad regghat lura u huwa ghalhekk hareg barra sabiex jara x'kien qed jigri. Mill-vettura hareg l-imputat li qallu li kien jixtieq ma jaqlax citazzjoni u Farrugia jghid li huwa rrispondih li jekk jipparkeggja l-vettura tieghu kif suppost ma kienx ser jaqla' citazzjoni. Dejjem skond ix-xhud l-imputat imbaghad dahal fil-garaxx u wara li qallu xi kliem ta' glied qabadlu wiccu, nehhielu n-nuccali u remieh barra t-triq. Ix-xhud jghid li huwa kellu f'idu bicca wire tal-inxir imgerba u beda' jiddefendi ruhu biha billi jxejjer il-wire fid-direzzjoni ta' Galea u fejn imbaghad harget is-siehba tal-imputat, Tereza Gatt, li kienet toqghod fil-fond fuq il-garaxx u din bdiet tghidlu (lill-imputat) sabiex ihalli lix-xhud bi kwietu u mbaghad gew il-Pulizija li ferqu lix-xhud u lill-imputat minn ma xulxin.  George Farrugia cahad li Teresa Gatt kienet hatfitlu l-wire minn idejh u qal li ma kienx ra demm jew griehi ma wicc Galea.

L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-4 ta' Ottubru 2013 fejn ikkonferma l-verzjoni tal-fatti moghtija fl-istqarrija minnu rilaxxjata fl-14 ta' Mejju 2011[2] u fejn spjega li huwa kien imur fil-lokalita' in dizamina ghaliex hemmhekk kienet toqghod is-siehba tieghu u gieli kien jipparkja l-vann tieghu hdejn il-garaxx ta' George Farrugia fejn parti mill-vann kien ikun quddiem il-garaxx u dan tal-ahhar kien iharislu bl-ikrah u jirrapurtah lill-Pulizija u mbaghad kien jaqla' citazzjoni. Dwar l-incident li jifforma l-mertu tal-kawza odjerna l-imputat jghid li huwa wasal ghall-habta tas-1pm u pparkeggja l-vettura tieghu mhux quddiem il-garaxx ta' Farrugia izda dan tal-ahhar hareg barra u beda' jgerger u huwa beda' jidhaq. Skond l-imputat George Farrugia kellu wire tal-fidiferru mgerbeb f'idejh u dan beda' jxejru f'wiccu u laqtu f'wiccu u taht ghajnejh fejn beda' hiereg id-demm. L-imputat jghid li huwa beda' jilqa' d-daqqiet u fil-pront harget is-siehba tieghu u mbaghad gew il-Pulizija. L-imputat jghid li huwa fl-ebda hin ma ta' daqqiet lil Farrugia jew tefghu mal-art u jispjega li huwa ma kienx rah mal-art.   L-imputat jghid ukoll li wara huwa mar il-policlinic u sussegwentement l-

[2] Inserita a fol. 23 u 24 tal-atti processwali.

Ghassa tal-Pulizija sabiex jaghmel rapport. Huwa spjega li ttiehdu proceduri kontra George Farrugia in konnessjoni ma’ dan l-incident.

Ikkunsidrat:

Illi kif intqal aktar ‘il fuq iz-zewg partijiet involuti fil-glieda jaghtu verzjonijiet tal-fatti pjuttost kunfliggenti fejn it-tnejn jallegaw li kien l-iehor li beda’ l-glieda u li huma ma raw u ma kkagunaw ebda griehi lill-parti l-ohra. F’dan il-kaz hemm xhud okulari wahda tal-incident li hija Tereza Gatt, is-siehba tal-imputat, li giet prodotta mill-Prosekuzzjoni u li xehdet waqt l-udjenza tat-18 ta’ Mejju 2012 fejn ikkorroborat il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat u spjegat li George Farrugia kien ta’ spiss ikollu argumenti man-nies ghaliex ma ried lil hadd jipparkeggja vicin il-garaxx tieghu. Hija qalet li kienet rat lil Farrugia jattakka lill-imputat bil-wire u li meta rat id-demm fuq wicc l-imputat hija marret minn wara Farrugia u nehhietlu l-wire minn idejh. Hija sostniet li fl-ebda hin ma rat lill-imputat jaghti daqqiet lil Farrugia u li Galea kull ma ghamel kien li ddefenda lilu nnifsu.

Huwa principju ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrana li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu jwassal ghall-liberatorja izda fil-kaz odjern din il-Qorti apparti li tinsab rinfaccjata b’zewg verzjonijiet kunfliggenti tal-moghtija mill-partijiet involuti fil-glieda ghandha l-unika xhud okulari li qed tikkorrobora pjenament il-verzjoni moghtija mill-imputat u ghalkemm jidrilha li l-verita’ tal-fatti probabilment tinsab x’imkien fin-nofs bejn dak li qalu George Farrugia u l-imputat ma jidrilhiex li l-Prosekuzzjoni tista’ titqies li pruvat il-kaz taghha sal-grad ta’ lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. L-imputat jista’ min-naha l-ohra jitqies li rnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li kien George Farrugia li attakkah u li huwa kull ma ghamel kien li ddefenda lilu nnifsu minn Farrugia li kien qed jagredih b’wire tal-fidiferru.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------